**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Matthew Spagnol]**

**vs**
**-omissis-**
**Nafa E. S. Elfalah**

**Kumpilazzjoni Numru: 279/17**

**Illum, 26 ta' Gunju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmij Nafa E. S. Elfalah detentur tan-numru

Ref Com 20497.

Akkuzat talli nhar it-30 ta' April 2017, ghall-habta tas-sebgha ta` filghodu (07:00a.m), fi triq Luigi Apap, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Ikkommetta serqa ta' *mobile phone* ta' ghamla Wiko, Euro 100 fi flus kontanti u arlogg tal-idejn tal-ghamla Casio, ghad-detriment ta' Zubair Fathi Mohamed Ramadan u/jew persuni ohra, liema serqa hija kwalifikata bil-'vjolenza' u bil-'valur'. (Art. 261 (a) (c), 262 (1)(a), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta)

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikommetta ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta` Zubair Fathi Mohamed Ramadan. (Art. 221 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, ghal-habta ta' sebgha ta` filghodu (07:00a.m) u/jew hinijiet ohra ikkommetta serqa ta' *mobile phone* ta' ghamla Huawei ghad-detriment ta' Giada d'Agati, liema serq huwa kwalifikat bil-'valur' u bil-'hin'. (Art. 261 (c) (f), 262 (1)(a), 267,270, 279(a) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta)

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data u/jew fil-granet ta` qabel ikkommetta serqa ta' *mobile phone* ta' ghamla 1+ u mobile phone tal-ghamla LG ghad-detriment ta` Edward Criminale, liema serq huwa kwalifikat bil-'valur' u bil-'hin'. (Art. 261 (c) (f), 262 (1)(a), 267,270, 279(a) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta)

5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, ghal-habta ta` sebgha ta` filghodu (07:00a.m) u/jew hinijiet ohra ikkommetta serqa ta' *mobile phone* ta' ghamla LG ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa, liema serq huwa kwalifikat bil-'valur' u bil-'hin'. (Art. 261 (c) (f), 262 (1)(a), 267, 270, 279(a) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta)

6. – omissis-

7. –omissis-

8.

9. Akkuzat talli fit- 30 ta` April 2017 kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni illi f`kaz ta` htija hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi tordna lill-akkuzat ihallas l-ispejjez li ghandhom x`jaqsmu mal-hatra ta` l-esperti ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 279(a), 221, 261(c)(f), 270 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghat-tielet (3), ghar-raba' (4), ghall-hames (5) u t-tmien (8) akkuza kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qieghda issib lill-

imputat Nafa E. S. Elfalah hati ta' dawn l-akkuzi u bl-applikazzjoni tal-ARtikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum, filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) akkuza fuq nuqqas ta' provi, tiddikjara Procediment Ezawrit fuq it-tieni (2) akkuza stante rinunzja tal-parte civile.

Il-Qorti qed tordna u dan a bazi tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga Cannabis ipprezentata fl-atti mmarkata bhala Dok MS7.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**